**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 1041/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Abdeladeim M.B. Al Shuhumi**

**Illum 12 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Abdeladeim M.B. Al Shuhumi**, ta' tnejn u erbgħin (42) sena, ta' nazzjonalità Libjana, imwieled f'Benghazi, Libja, fl-24 ta' Mejju 1981, detentur tan-Numru tar-RefCom 18296 u Passaport Malti (Passaport għal Stranġier) bin-Numru MT902115, talli nhar it-12 ta' Novembru 2023, għall-ħabta tal-ħinijiet bejn it-tmienja u nofs (8:30a.m.) u d-disgħa (9:00a.m.) ta' filgħodu, ġewwa EF St. George's Beach Complex, Triq San Gorg, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' arloġġ griż tad-ditta Ice Watch, liema ammont ma jeċċedix is-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), għad-detriment ta' Alison Aeryne Birba Privat;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi seraq iPhone 11 għad-detriment ta' Alison Aeryne Birba Privat liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

3. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien f'post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku u kien jinsab fis-sakra b'mod li setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti: (i) tikkundanna lil Abdeladeim M.B. Al Shuhumi għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif previst fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet

ta' Malta; (ii) tapplika id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 15A u 532A *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Abdeladeim M.B. Al Shuhumi;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markat Dok. "A" a fol. 8 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "B" sa' Dok. Dok. "J" a fol. 9 sa' 21 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman[2], PS750 Terry James Mallia[3] u ta' PC2070 Clifton Agius[4], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023 u semgħet ix-xhieda ta' Daniela Casarez mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Diċembru 2023[5] u tas-27 ta' Diċembru 2023[6] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "DC1" sa' Dok. "DC7" a fol. 41 sa' 47 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Alison Birba Privat mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Jannar 2024[7] u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Frar 2024[8];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-12 ta' Novembru 2023, għall-ħabta tal-ħinijiet bejn it-8:30a.m. u 9:00a.m., ġewwa EF St. George's Beach Complex, Triq San Gorg, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) ikkommetta serq ta' arloġġ griż tad-ditta Ice Watch, liema ammont ma jeċċedix is-somma ta' €232.94, għad-detriment ta' Alison Aeryne Birba Privat; (2) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi seraq iPhone 11 għad-detriment ta' Alison Aeryne Birba Privat liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda ma jeċċedix €2,329.37; (3) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien f'post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku u kien jinsab fis-sakra b'mod li setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

[1] Fol. 7 tal-proċess.
[2] Fol. 24 sa' 26 tal-proċess.
[3] Fol. 27 u 28 tal-proċess.
[4] Fol. 29 sa' 31 tal-proċess.
[5] Fol. 32 sa' 36 tal-proċess.
[6] Fol. 38 sa' 40 tal-proċess.
[7] Fol. 49 sa' 55 tal-proċess.
[8] Fol. 57 sa' 62 tal-proċess.

**L-Ispettur Eman Hayman**[9] xehed illi fit-12 ta' Novembru 2023 sar rapport minn EF Language School li persuna mhux magħrufa daħlet f'waħda mill-kmamar ta' l-istudenti, senjatament ta' Alison Birba Privat, waqt li hija kienet rieqda. Din Privat f'ħin minnhom lemħet persuna fil-kamra tagħha, b'dan il-persuna ikun l-imputat f'dawn il-proċeduri, li l-Ispettur għaraf fl-Awla, u staqsietu x'kien qed jagħmel fil-kamra tagħha u dan qalilha li ried jorqod. L-imputat ħareġ mill-kamra tagħha u hawn Alison Birba Privat indunat li kellha l-mobile, l-arloġġ u l-headphones neqsin. Meta l-imputat telaq mill-kamra huwa ħalla warajh il-baskett - esebit mill-Ispettur Hayman bħala Dok. "EHM1" - u fih kien hemm passaport u dokumenti ta' l-imputat u dokument ieħor ta' terza persuna. Il-Pulizija ġabru l-filmati tas-sistema ta' CCTV mingħand EF Language School għall-ħinijiet li ġie rapportat li l-imputat daħal fir-residenza in kwistjoni u fil-kamra ta' Privat, ossia bejn it-8:00a.m. u id-9:00a.m., u minnhom jidher l-istess imputat dieħel b'baskett, l-istess baskett esebit bħala Dok. "EHM1", u wara ftit reġa' ħiereġ mingħajr il-baskett.

L-Ispettur xehed ulterjorment illi sussegwentement, senjatament fit-30 ta' Novembru 2023, huwa ġie nfurmat li l-imputat kien instab rieqed f'karozza. Peress illi l-Pulizija li rrappurtaw fuq il-post għarfu lill-imputat, illi kkonferma l-identità tiegħu, għaddew biex jarrestawh. L-Ispettur iddikjara li l-imputat itteħditlu stqarrija bil-proċedura ta' l-*audiovisual* - Dok. I a fol. 20 tal-proċess - fejn dan ammetta li kien daħal fir-residenza ta' l-EF Language School u li reġa' ħareġ minn hemm, għaraf li l-baskett li tħalla fil-kamra ta' Alison Birba Privat kien il-baskett tiegħu u stqarr ukoll li dakinhar huwa kien fis-sakra. L-imputat ġie muri l-filmati ta' CCTV provduti mill-EF Language School lill-Pulizija u ċaħad li kien seraq oġġetti appartenenti lil Privat iżda fl-istess waqt stqarr illi ma kienx jaf x'kien qed jagħmel għaliex kien fis-sakra. L-Ispettur Hayman xehed ukoll li l-imputat ma għandux residenza fissa u għalkemm l-istess imputat stqarr li seta' joqgħod il-Marsa jew Ħal-Far, il-Pulizija effettivament sabitu ġo karozza mhux tiegħu, ġewwa San Ġiljan.

L-Ispettur Hayman ikkonferma d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2023.

**PS750 Terry James Mallia**[10], ikkonferma li fit-12 ta' Novembru 2023 sar rapport ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan fejn ġie appuntu rappurtat li Alison Privat ġiet misruqa. Ikkonferma li l-istess Privat kienet għadditilhom baskett iswed li kien fih xi passaporti, dokumenti u affarijiet oħra, illi tħalla fil-kamra tagħha. Ikkonferma ukoll illi talbu l-filmati tas-sistema ta' CCTV għall-ħin ta' l-allegat reat u mill-imsemmija filmati għarfu lill-imputat meta qabbluh mal-passaport li kien hemm fil-baskett li ngħata lilhom. Huwa stqarr illi mill-filmati l-imputat *jidher jidħol, joħroġ minn ġol-lift, jidħol fejn suppost hemm il-kamra, bil-baskett madwaru, joħroġ 'l barra u ma tarax il-baskett fuqu. Minn hemm ħriġnih wanted fis-sistema tagħna. Imbagħad fit-30 ta' Novembru ġejna nfurmati li hemm xi ħadd taħt l-effett ta' alkoħol qiegħed ġo vettura, marru l-Pulizija, fosthom 2070, fejn għarfu u ġie arrestat fuq il-post.*

**PC 2070 Clifton Agius**[11], ukoll ikkonferma r-rapport li sar ma' l-Għassa ta' San Ġiljan fit-12 ta' Novembru 2023 dwar serqa a dannu ta' Alison Privat, dak iż-żmien

[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023, fol. 24 sa' 26 tal-proċess.
[10] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċmebru 2023, fol. 27 u 28 tal-proċess.
[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023, fol. 29 sa' 31 tal-proċess.

residenti f'EF Language School, San Ġiljan. Stqarr illi ġie rapportat li Alison Privat *semgħet ħoss mal-bieb iżda ma tatx każ għall-mument għax billi huwa kumpless ta' l-istudenti jkun hemm ħafna studenti u ħafna storbju u wara ċertu ħin bdiet tħoss lil xi ħadd jimxi madwarha fejn wara li stembħet rat persuna maskili quddiemha. Qaltlu x'kien qed jagħmel hemm fejn hu beda jgħidilha li kien room mate tagħha fejn hi qaltlu mhux suppost. Qalilha issa immur isfel niċċekkja fir-reception u niżel u telaq. Għal dak il-ħin hi ma tatx każ jekk kellhiex xi affarijiet neqsin jew hekk, u hi marret warajh isfel u ma reġatx ratu dan. X'ħin daret lura fil-kamra ndunat li kellha mobile nieqes kif ukoll arloġġ Ice Watch nieqes u nnotat li kien hemm baskett nieqes ukoll f'din il-kamra. Niżlet fl-Għassa ta' San Ġiljan għall-ħabta tal... ftit ħin wara, għax il-każ ġara bejn d-8:45 u 9 fejn stqarret dak.*

PC2070 stqarr ulterjorment illi *fit-30 ta' Novembru, jiġifieri 18-il ġurnata wara, kont xogħol ta' bil-lejl fl-istess Għassa ta' San Ġiljan u flimkien mas-Surġent ċemplulna li hemm persuna rieqed ġo karozza. Irrapportajna fuq il-post ... il-persuna kien l-istess persuna li kien qiegħed bħala mfittex rigward il-każ li kien hemm ta' serq qabel.* Huwa għaraf li dan il-persuna huwa l-imputat odjern u ikkonferma li l-vettura li nstab fiha l-imputat ma kenitx il-vettura tiegħu iżda kienet ta' ċertu Sebastian.

**Daniela Casarez**[12], Manager għas-Servizzi ta' l-Istudenti f'EF Language School, ikkonfermat li kien hemm inċident fir-residenza ta' l-EF Language School, senjatament fejn kien hemm studenta illi waqt li kienet rieqda fil-kamra tagħha, daħal xi ħadd f'din il-kamra u hija sfat misruqa. Casarez stqarret illi din l-istudentessa qaltilha li għall-ewwel kienet konfuża meta rat raġel fil-kamra tagħha għaliex suppost kien se jkun hemm tfajla magħha, u meta rat li kien qed jinża l-ħwejjeġ biex jidħol jorqod, ikkonfrontatu dwar x'kien qed jagħmel fil-kamra tagħha. Hekk kif l-istudentessa rrappurtat dan il-fatt, min-naħa ta' EF Language School raw il-filmati tas-sistema CCTV u fil-fatt raw lil dan il-persuna jidħol fir-residenza, jidħol fil-kamra ta' l-istudentessa u in segwitu joħroġ mir-residenza. Ikkonfermat li dawn il-filmati ingħataw lill-Pulizija. Stqarret ukoll illi in segwitu sabu l-affarijiet ta' din il-persuna li daħlet fil-kamra ta' l-istudentessa, ossia kartiera, passaport u dokumenti, u dawn ġew mgħoddija lill-Pulizija.

Mistoqsija dwar kemm jista' l-pubbliku in ġenerali jaċċedi fir-residenza ta' l-EF Language School, Daniela Casarez qalet illi *l-istudenti għandhom iċ-ċavetta biex jidħlu fir-residenza, imma peress li hemm ħafna moviment, iħallu l-bieb miftuħ.* Mistoqsija b'mod speċifiku *imma f'dawn il-postijiet li qed issemmi, il-pubbliku in ġenerali jista' jidħol, għandu permess jidħol?* Hija wieġbet *Le. ... Għax huwa bini privat* u min ma huwiex student jew parti mill-iskola ma jistax jidħol.

**Alison Briba Privat**[13] xehdet illi fiż-żmien ta' l-allegat inċident hija kienet tinsab Malta biex tistudja l-Ingliż u kienet residenti f'St. George Residence, ġewwa San Ġiljan, ta' EF Language School. Iddikjarat li fit-12 ta' Novembru 2023 għall-ħabta tat-8:00a.m., *I was in my room at the residence, I was sleeping. Suddenly I feel someone who walked in the room because the first time I didn't really notice this because there was a lot of people who enter in the room for clean of room, for check of air-*

[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023, fol. 32 sa' 36 tal-proċess.
[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Jannar 2024, fol. 49 sa' 55 tal-proċess.

*con, the wifi, that's why I just didn't notice at the first time but when they enter they say also excuse me, I am here for this or this. After a while, I hear nothing, just feel someone who walk in the room but I hear nothing. This person didn't talk and when I open my eyes I see this man, remove his jacket and come to the bed. I was in the queen bed so there was a bed on the top and I ask why he's here and his hands are … I think on the bed on the top. I just answered it's not possible because I am a girl and woman it's not possible to people from different gender to sleep in the same room. So when I really noticed what happened this guy disappeared … I was checking in the reception for I don't know why but his hands are something like that and when I really wake up check the room because I saw he left his bag on the chair and then I really see what happened in the room. There is my phone and my watch and my headphones was disappeared so I was like what happened and after I go to the reception to tell them what happened that someone entered the room, I explained the story and after we called the police and we go to the police for the report.*

Alison Privat iddikjarat li l-kamra tagħha kienet fir-raba' sular tar-residenza u għalkemm dak il-ħin kienet waħdeha fil-kamra, matul il-ġurnata kellha tidħol tfajla oħra magħha hemm. Iddikjarat ukoll li l-mobile tagħha kien fuq is-sodda ħdejha u kien imqabbad biċ-charging wire mal-hajt peress li kienet qed tiċċarġjah, filwaqt li l-arloġġ kien fuq mejda fl-istess kamra. Stqarret ukoll li meta sabet il-baskett li ħalla warajh l-imputat - illi hija għarfitu bħala l-persuna li daħal fil-kamra tagħha dakinhar tat-12 ta' Novembru 2023 - fittxet fih biex tara ssibx l-affarijiet tagħha, iżda kulma sabet kienu żewġ passaporti u xi affarijiet oħra, li però ma kienux tagħha. Mistoqsija tagħti deskrizzjoni ta' dan ir-raġel hija qalet li kien persuna twil u kien liebes ġakketta ta' kulur khaki u qmis blu. Mistoqsija kemm kellha ddum Malta, stqarret li kellha titlaq fi Frar 2024 iżda wara li ġara ma ħassithiex iktar sigura u qabdet u telqet minn Malta u marret lura f'pajjiżha. Mistoqsija ukoll jekk il-parti tar-residenza fejn kellha l-kamra tagħha kenitx miftuħa għall-pubbliku in ġenerali, Alison Privat irrispondiet fin-negattiv u li għandhom aċċess biss l-istudenti u l-cleaners.

**L-imputat**[14] ikkonferma li dakinhar ta' l-akkadut huwa kien daħal fil-kamra ta' Alison Privat u li din kif ratu qaltlu biex jitlaq 'l barra. Stqarr li dakinhar huwa kien xorob u kien fis-sakra u li meta jixrob u jisker, huwa jkollu bżonn jorqod, ikun fejn ikun. Iddikjara ulterjorment li kif Privat qaltlu biex jitlaq 'l barra mill-kamra, huwa ħareġ u telaq iżda ċaħad li ħadilha xi affarijiet. Huwa stqarr li *jien f'ħajti kollha lanqas sraqt xi ħaġa u jien d-domanda rrispondejtha, ma ħadtilha xejn lil din il-persuna. L-ewwel darba li ġara dak il-każ, qatt ma kelli każijiet għal dan il-perijodu. L-iżball tiegħi huwa illi sfortunatament meta nixrob, nisker, irrid norqod. U llum il-ġurnata ħadt ġurament, ma rridx nixrob aktar, assolutament.* Stqarr li l-bieb tal-kamra ta' Privat, illi kkonferma li ma kienx jafha qabel, kien miftuħ u hu daħal fil-kamra. Stqarr ukoll illi daħal ġewwa din ir-residenza għaliex ħasibha l-lukanda li huwa kien jirrisjedi fiha. Hekk kif Privat qaltlu biex jitlaq 'l barra mill-kamra huwa ħareġ, telaq il-barra mill-binja u mar jorqod ħdejn il-baħar. Ikkonferma li meta ġie biex joħroġ mill-kamra ta' Privat, ħa l-ġakketta tiegħu iżda ħalla l-baskett hemm u li wara mar jagħmel rapport ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun għaliex skontu kien tilef il-baskett.

---

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Frar 2024, fol. 57 sa' 62 tal-proċess.

L-imputat stqarr li fi żmien qabel dan l-akkadut huwa kien jgħix ġewwa lukanda ma' ħabib tiegħu u għamel ħmistax-il ġurnata jirrisjedi hemm. Mistoqsi x'jisimha l-lukanda qal li din jisimha San Giorgio f'San Ġiljan u għalkemm kien jaf kif inhi u fejn hi din il-lukanda, stqarr li meta jkun xurban ma jafx x'ikun qed jagħmel. Rinfaċċjat bil-fatt li kien kapaċi jagħraf il-lukanda, iżda ma setax jagħraf il-kamra fejn preżumibilment kien residenti, tant illi daħal fil-kamra ta' Alison Privat, l-imputat mill-ġdid tenna li tant kien fis-sakra li ma jiftakar xejn.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat -** l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-12 ta' Novembru 2023, għall-ħabta tal-ħinijiet bejn it-8:30a.m. u 9:00a.m., ġewwa EF St. George's Beach Complex, Triq San Gorg, San Ġiljan, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) ikkommetta serq ta' arloġġ griż tad-ditta Ice Watch, liema ammont ma jeċċedix is-somma €232.94, għad-detriment ta' Alison Aeryne Birba Privat; (2) talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi seraq iPhone 11 għad-detriment ta' Alison Aeryne Birba Privat liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda ma jeċċedix €2,329.37.

Fil-każ in eżami tirriżulta sitwazzjoni fejn għad illi l-imputat jirrikonoxxi u jammetti li dakinhar tat-12 ta' Novembru 2023 huwa daħal ġol-kamra ta' Alison Birba Privat fir-residenza ta' l-EF Language School, San Ġiljan, hekk kif fil-fatt irrapportat u ikkonfermat bix-xhieda ta' l-istess Alison Birba Privat, huwa kategorikament jiċħad l-allegazzjoni tagħha fil-konfront tiegħu - u b'hekk l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih - illi huwa serqilha arloġġ tad-ditta Ice Watch u mobile tad-ditta iPhone. B'hekk dwar l-iskop ta' l-imputat il-għala daħal fil-kamra ta' Privat u dwar l-eżitu ta' din l-intrużjoni tiegħu f'din il-kamra, il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet konfliġġenti: Privat li tikkontendi li l-imputat daħal u serqilha l-affarijiet tagħha u l-imputat li invece katergorikament jiċħad li huwa serqilha xi ħaġa iżda jikkontendi li daħal fil-kamra tagħha sempliċement biex jorqod għaliex kien fis-sakra.

Huwa ormai stabbilit fis-sistema ġuridika nostrali li *meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ versjonijiet konfliġġenti … jistgħu jiġru żewġ affarijiet: jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement pruvat, u allura għandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaċċetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-ħtija ta' l-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena…*[15].

Kif ingħad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Cuschieri**, deċiża fit-30 ta' Marzu 2017, *illi kemm il-liġi kif ukoll il-ġurisprudenza ifasslu linji gwida għal min huwa fdat f'idejh il-ġudizzju meta rinfaċċjat bil-kunflitt fil-provi. Huwa minnu illi fil-kamp penali l-grad tal-prova li għandha tilħaq il-Prosekuzzjoni huwa wieħed oneruż ferm, madanakollu mhux kull kunflitt fil-provi neċessarjament ifisser li għal ġudikant jew għal ġurija popolari illi tkun nibtet fihom iż-żerriegħa tad-dubbju raġonevoli. Għaliex żewġ verżjonijiet*

[15] Il-Pulizija v. Martin Mark Ciappara, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002. Il-Pulizija v. Edward Scerri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2016.

*kontrastanti xorta waħda jistgħu jwasslu għal sejbien tal-ħtija fil-grad rikjest mill-liġi meta waħda mill-verżjonijiet għandha aktar mis-sewwa mill-oħra, meta wieħed jeżamina iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Issir referenza wkoll għal dak osservat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne**, deċiza fid-9 ta' Lulju 2003, *mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f' każ ta' kunflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.*

Minn eżami tal-provi prodotti l-Qorti tqis li l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Alison Birba Privat hija ferm iktar kredibbli u konvinċenti mix-xhieda ta' l-imputat. In effetti ix-xhieda ta' l-imputat mhux talli ma ġietx debitament korroborata talli tirriżulta għal kollox imxejna minn provi oħra, oltre x-xhieda ta' Privat, prodotti mill-Prosekuzzjoni, u dana senjatament mill-filmati tas-sistema ta' CCTV tar-residenza ta' l-EF Language School.

Minn eżami ta' l-imsemmija filmati jidher l-imputat dieħel fir-residenza ta' l-EF Language School. Huwa jidher dieħel piuttost kalm u ma jagħtix l-impressjoni ta' persuna fis-sakra, li ma tafx x'inhi tagħmel għax għandha biss il-ħsieb li tmur torqod. Hekk kif daħal fir-Reception Area, fejn kien hemm xi nies u anke ċertu moviment għaddej, l-imputat poġġa bil-qiegħda fuq siġġu u għamel ħin qasir bilqiegħda hemm. Fil-fehma tal-Qorti hawn l-imputat kien qed jara jekk xi ħadd jindunax li ma huwiex student jew addett hemmhekk, u b'hekk ma kellux raġuni valida għalfejn ikun fir-residenza, u kif ra li ħadd ma ta kasu u ma qallu xejn, qam u mexa l-ġewwa. L-imputat imbagħad jidher dieħel fil-lift u in segwitu joħroġ mil-lift fir-raba' sular. Hekk kif joħroġ mil-lift l-imputat jsib bieb li jidher miftuħ, ossia l-bieb tal-kamra ta' Alison Birba Privat, u jidħol fil-kamra. Ftit tal-ħin wara, madwar ħames minuti, l-imputat jerġa' jidher ħiereġ mgħaġġel mill-kamra u jaqbad it-taraġ u jinżel l-isfel. Ftit wara toħroġ ukoll Alison Birba Privat u hi wkoll tinżel isfel. Huwa fil-ħin li ħareġ mill-kamra ta' Privat u qabad it-taraġ għal isfel li l-imputat jidher ftit mifxul. Fil-fatt mill-filmati jidher li meta jasal fis-sular tar-Reception, flok ma jdur lejn ir-Reception l-imputat jibqa' nieżel it-taraġ u wara ftit sekondi jerġa' jitla', jdur lejn ir-Reception u joħroġ mir-residenza.

Dawn il-filmati ma jurux persuna fis-sakra li ma tafx x'inhi tagħmel, anzi juru persuna li daħlet bil-kalma kollha fir-residenza, studjat l-akkwati tagħha u jekk kenitx qed tagħti fil-għajn u kif rat li ma kienx hemm reazzjoni għall-presenza tagħha hemm, aċċediet iktar 'l ġewwa fir-residenza u saħansitra f'waħda mill-kmamar, ossia fil-kamra ta' Alison Birba Privat. Dawn il-filmati għalhekk ixejnu l-affermazzjoni ta' l-imputat li dakinhar tat-12 ta' Novembru 2023 huwa kien fis-sakra u ma kienx jaf x'qed jagħmel u li daħal fir-residenza ta' l-EF Language School għax ħasibha l-lukanda fejn allegatament kien qed jirrisjedi, u ried imur jorqod.

Apparte l-fatt li l-filmati kjarament juru persuna li ma hijiex f'sakra tali li ma tafx x'inhi tagħmel, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva ċerta inkonsistenzi fix-xhieda ta' l-imputat u nuqqas ta' korroborazzjoni ta' xhieda tiegħu li serjament ipoġġu fid-dubju l-kredibilita tiegħu.

Jibda biex jiġi osservat li għalkemm l-imputat allega li huwa kien qed jirrisjedi f'lukanda ġewwa San Ġiljan flimkien ma' ħabib tiegħu, u kien ilu jirrisedji hemm għal ħmistax-il ġurnata, dan il-ħabib baqa' qatt ma ġie identifikat u ma tressaqx minnu bħala xhud u lanqas il-lukanda ma ġiet identifikata b'mod konkret. Kulma qal l-imputat fir-rigward huwa li x'aktarx jisimha San Giorgio f'San Ġiljan, sitwazzjoni din kemm xejn stramba għaliex wara ħmistax-il ġurnata residenti f'lukanda wieħed għandu jifhem li dak li jkun ikun tgħallem u jiftakar x'jisimha l-istess lukanda u iktar u iktar fejn tinsab. Apparte minhekk, l-imputat qal li meta ħareġ mir-residenza ta' EF Language School, huwa mar jorqod fejn il-baħar, fattur ieħor ferm stramb jekk persuna tkun qed talloġġja f'lukanda. In oltre rriżulta wkoll li meta ġie arrestat mill-Pulizija, huwa kien instab rieqed f'vettura ġewwa San Ġiljan, liema vettura ma kenitx tiegħu.

Hemm allegazzjoni oħra li ma ġietx korroborata mill-imputat u din serjament timpinġi fuq il-kredibilita tiegħu u anke tixhet ċertu dawl fuq il-verita tal-fatti rigwardanti dak li seħħ fil-kamra ta' Alison Birba Privat. L-imputat allega li peress li ħaseb li kien tilef il-baskett li kellu dakinhar tat-12 ta' Novembru 2023, liema baskett in verità nstab minn Privat fil-kamra tagħha wara li l-imputat telaq il-barra, huwa għamel rapport ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. L-imputat però naqas milli jressaq prova li tikkonferma l-eżistenza ta' dan ir-rapport u fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas juri li in verità r-rapport ma sarx u ma sarx għar-raġuni li b'hekk l-imputat kien ipoġġi lilu nnifsu fir-residenza ta' EF Language School u addirittura fil-kamra ta' Alison Birba Privat, dakinhar li hija sfat misruqa meta huwa daħal f'kamritha.

Fattur ieħor li fil-fehma tal-Qorti jipprova li kien l-imputat li seraq l-arloġġ u l-mobile ta' Privat mill-kamra tagħha huwa l-fatt li Privat stqarret li hija ħasset persuna ddur madwarha fil-kamra qabel ma stembħet sew u kkonfrontat lill-imputat. Di fatti l-arloġġ u l-mobile kienu f'żewġ postijiet differenti fil-kamra tagħħha, il-mobile kien ħdejn rasha u l-arloġġ kien fuq mejda. Li kieku verament l-imputat daħal fil-kamra ta' Privat sempliċement biex jorqod, għaliex fi kliemu stess meta jkun fis-sakra jiġih il-bżonn impellenti li jorqod, ikun fejn ikun, huwa żgur ma kienx se joqgħod idur mal-kamra u madwar Privat imma se mai kien jaqbad u jidħol joroqd mill-ewwel.

Ladarba l-imputat kien fir-residenza ta' EF Language School u addirittura fil-kamra ta' Alison Birba Privat, mingħajr ma kellu ebda dritt u/jew jedd ikun fl-imsemmija residenza u kamra, u kien jinsab hemmhekk proprio dakinhar li lil Privat naqsulha arloġġ u mobile eżatt wara li huwa daħlilha fil-kamra, qagħad idur fil-kamra u reġa' telaq il-barra meta qamet u kkonfrontatu, il-Qorti hi tal-fehma li għandu jsegwi, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja sodisfaċenti, li l-imputat effettivament seraq dawn l-oġġetti mingħand Privat.

Kuntrarjament għal dak allegat mill-imputat, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, u senjatament il-filmati tas-sistema ta' CCTV tar-residenza in kwistjoni, juru u jippruvaw lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat daħal konxjament u xjentement fir-residenza ta' EF Language School, daħal daqstant ieħor konxjament u xjentement fil-kamra ta' Alison Birba Privat u minn hemm seraq il-mobile u l-arloġġ ta' Privat, hekk kif rapportat minn Privat stess.

Għal kull buon fini jiġi osservat ukoll li *dato ma non concesso* li l-imputat seta' kien fis-sakra dakinhar ta' l-akkadut mertu ta' dawn il-proċeduri, xorta waħda huwa ma huwiex eżentat mir-responsabilità kriminali ta' l-aġir tiegħu, in kwantu l-Artikolu 34(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, is-sokor ma jistax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali.* L-uniċi eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju ġuridiku huma dawk previsti fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 34 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li però ma jirriżultaw bl-ebda mod ippruvati fil-każ in eżami.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat effettivament seraq l-arloġġ u l-mobile ta' Alison Birba Privat meta nhar it-12 ta' Novembru 2023, huwa daħal fil-kamra tagħha ġewwa r-residenza ta' EF Language School. Għaldaqstant ma hemmx dubju li l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. In kwantu rigwarda t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat però, ossia l-imputazzjoni li fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi huwa seraq iPhone 11 għad-detriment ta' Alison Aeryne Birba Privat liema serq hu kkwalifikat bil-valur, liema ammont jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda ma jeċċedix €2,329.37, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli, il-kwalifika tal-valur għar-reat ta' serq ta' l-imsemmi mobile.

Għalkemm fl-imputazzjoni in kwistjoni hemm indikat li l-mobile huwa iPhone 11 u għalkemm ukoll dawn it-tip ta' mobiles huma, kif inhu ben risaput, ta' valur piuttost għoli, ma jistax ma jiġix osservat li llum iPhone 11 ma huwiex l-iktar mudell reċenti ta' dawn it-tip ta' mobiles. Apparte minhekk ma rriżultax kemm dan il-mobile kien ilu fil-pussess ta' Privat u f'liema kundizzjoni kien, fatturi dawn li fil-fehma tal-Qorti jimpinġu fuq il-valur ta' l-oġġett misruq fiż-żmien li nsteraq, partikolarment meta si tratta ta' mobile phone. Jiġi osservat ukoll li mix-xhieda ta' Alison Birba Privat lanqas jirriżulta kemm kien il-valur li bih akkwistat l-imsemmi mobile. Mingħajr dawn l-elementi kollha, li fil-fehma tal-Qorti huma meħtieġa għall-fini li jiġi determinat il-valur tal-mobile in kwistjoni fiż-żmien li nsteraq, il-Qorti ma tistax, sempliċement għaliex il-mobile in kwistjoni huwa tat-tip iPhone, taqbad u tassumi li dan fiċ-ċert u bla dubju ta' xejn kellu valur ta' iktar minn €232.94, li huwa l-minimu rikjest mill-Liġi biex tissussisti l-kwalifika tal-valur għar-reat ta' serq.

Għal kull buon fini wkoll jiġi osservat li għalkemm l-imputat seraq arloġġ tad-ditta Ice Watch kif ukoll il-mobile iPhone 11, il-Qorti ma tistax issib li hemm il-kwalifika tal-valur minħabba il-valur konġunt ta' dawn iż-żewġ oġġetti u dana billi l-Prosekuzzjoni qasmet reat wieħed u uniku ta' serq f'żewġ imputazzjonijiet distinti, waħda ta' serq sempliċi ta' l-arloġġ tad-ditta Ice Watch u l-oħra ta' serq kwalifikat bil-valur ta' l-iPhone 11. Il-Qorti hija marbuta ma' l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront ta' l-imputat u għaldaqstant, fin-nuqqas tal-prova meħtieġa mill-Liġi tal-valur tal-mobile in kwistjoni fiż-żmien li nsteraq, ma tistax għajr issib lill-imputat ħati ta' serq sempliċi anke fil-każ ta' l-iPhone 11.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat -** l-imputat qed jiġi mixli wkoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien f''post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku u kien jinsab fis-sakra b'mod li setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma għandux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront tiegħu u dana billi fl-ewwel lok tqis li l-imputat ma kienx fis-sakra dakinhar tat-12 ta' Novembru 2023, jew ta' l-inqas jekk kien xorob żgur ma kienx f'sakra tali li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Jiġi ribadit li mill-filmati tas-sistemi ta' CCTV tar-residenza ta' EF Language School jidher il-mod kalkolat li bih l-imputat daħal fir-residenza u wieżen is-sitwazzjoni qabel ma inoltra ruħu iktar 'l ġewwa fl-istess residenza, atteġġjament dan li żgur ma jistax jiġi attribwit lil xi ħadd f'sakra tali li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Fit-tieni lok, għalkemm ir-residenza ta' EF Language School hija piuttost frekwentata u jkun hemm numru ta' nies deħlin u ħerġin, hekk kif jirriżulta wkoll mill-filmati tas-sistema ta' CCTV tar-residenza, din hija residenza privata u mhux lok pubbliku, u lanqas ma hija miftuħa għall-pubbliku in ġenerali iżda biss għall-istudenti u għall-addetti ta' dik l-istess residenza, hekk kif irriżulta mix-xhieda ta' Daniela Casarez.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jinstab ħati ta' din it-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati kif ukoll il-fatt li għandu fedina penali netta.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih, iżda mhux bil-kwalifika tal-valur għar-reat ta' serq tal-mobile, u tikkundannah għall-perijodu ta' xahrejn (2) priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 15A u 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**